# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIŻJONI NRU. 101

KAZ NRU. 109

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Gino Balzia

u

Messrs Franco Facchetti Footwear
dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data : 28 ta' Settembru 1981

Chairman : G.A. Craig

B'ittra tat-28 t'Ottubru 1980, il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, irriferiet lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976 il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija ta' Gino Balzia mill-Kumpanija Franco Facchetti Footwear, tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm seba' seduti li fihom l-appellant kien assistit mis-Sur Lino Debono filwaqt li l-Kumpanija kienet rapprezentata mis-Sur Albert J. Tabone.

3. Statements of Case - Ghall-appellant gie sottomess li minkejja li dan kien jaghmel xoghlu tajjeb il-Management kien jittrattah hazin kif ukoll kien jittratta l-haddiema kollha hazin billi

a) kien jinsulentahom u joffendihom personali;
b) bi tfigh ta' oggetti;
c) icahhadhom minn drittijiethom;u jabbuza mill-poteri tieghu;
d) kien idahhlilhom il-politika kontinwament;
e) gie li l-appellant baghtu ghalih u xi haddiema ohra u hedduhom li jkeccuhom fuq diskors privat izda r-raguni vera li l-appellant kien gie mkecci kienet

ghax dan kien jipprova jdahhal lill-haddiema fil-General Workers' Union, L-appellant ma kellu qatt 'warning' u gie mkecci semplicement ghax ma ffirmax il-"warning" u kien gie mhallas ghat-tlett ijiem li kien sospiz, in-"notice money" u ghal leave. Anke l-Ufficjal tal-Labour Office kien qallu lill-appellant li l-Management kien qabad mieghu u li jaqbillu jsib xi xoghol iehor u ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal gie mitlub li jsib li t-tkeccija ta' l-appellant kienet ingusta, jinghata hlas ta' l-ammont kollu tal-flus li tilef sakemm qabad xoghol iehor u jithallas id-differenza tal-pagi.

4. <u>Ghall-Kumpanija Franco Facchetti Footwear</u> gie sottomess li l-appellant kien impjegat mall-Kumpanija minn Ottubru 1978 sat-18 ta' Lulju 1980. Sfortunatament ma tul dan iz-zmien kien hemm hafna agir ta' nsubordinazzjoni u nuqqas ta' dixxiplina minn naha ta' l-appellant li kien ukoll jehodha mall-Management. Dawn l-incidenti kienu dejjem isiru quddiem il-haddiema l-ohra li setghu jisimghuh u ghalhekk beda jitfa dawl hazin fuq il-Management. Kien ghalhekk li darba l-appellant kien gie moghti twiddiba bil-miktub u gie mitlub li jiffermaha. Dan l-appellant irrifjuta li jaghmel u ried jaghmilha tal-vittma u ncita zewg haddiema ohra Miss E. Micallef u Mr N. Ellul li wkoll kellhom twiddiba biex ma jiffermawhiex. L-affarijiet marru ghal aghar ghax it-tensjoni kibret malajr u l-Management ovvjament ma setax jittollera li din is-sitwazzjoni tkompli ghax ir-relazzjonijiet bejn Management u l-haddiema kienu ser jaggravaw ghad-detriment ta' kulhadd u ghalhekk saret seduta tal- Management dak in-nhar stess u ttiehdet d-decizjoni unanimament li min ma jiffermax il-warning jigi sospiz ghal tlett (3) ijiem. Is-sitwazzjoni tbiddlet ghax is-Sur Ellul ifferma l-warning. Miss Micallef talbet ir-rizenja minn rajha u l-appellant ghazel li jigi sospiz tlett ijiem. Sfortunatament meta l-appellant dahal wara l-perijodu ta' sospensjoni u bil-fomm attakka s-Sur Franco Facchetti b'mod derogatorju hafna u ghalhekk ma kienx hemm ghazla ohra hlief li l-appellant jigi mkecci.

/3. .....

Gew esibiti kopji ta' dawn id-dokumenti :

i. Warning mill-Management lill-appellant (Dok.3A)
ii. Discharge Certificate (Dok.3B)
iii. Statement mid-ditta Footwear Ltd. li jgib id-data tat-22 ta' Mejju 1981 (Dok.2)
iv. Certifikat ta' Dr Leo Portelli, M.D., Ph.C., bid-data tal-10 ta' Lulju 1980 (Dok.4A)
v. Avviz lil persuna assigurata mahrug mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali li jgib id-data tat-3 ta' Settembru 1980 (Dok.4)
vi. Tlett "cheques" wiehed lil Blue Sisters Hospital, l-iehor lil Dr Nazzareno Azzopardi u l-iehor lil Dr J.A. Muscat, M.D., F.R.C.S. kollha bid-data tat-22 ta' Settembru 1980 (Dok.5)
vii. It-tielet faccata tal-minuti tal-Bord tad-Diretturi li tirrigwarda t-tkeccija ta' l-appellant (Dok.6)
viii. Statement iffirmat minn wiehed u ghoxrin haddiem tal-Kumpanija (Dok.7)
ix. Statement minn Puma Footwear (Malta) Co. Ltd. bid-data tas-17 t'Awissu 1981 (Dok.8A).

6. Instemghu dawn ix-xhieda:

G. Balzia - l-appellant minn jeddu
Miss E. Micallef
Is-Sinjura Carmen Balzia - omm l-appellant
David Jones - Ufficcjal tal-Labour Office
B. Zammit
Joseph Facchetti - Direttur tal-Kumpanija

S. Palmier
N. Ellul
Franco Facchetti - Direttur tal-Kumpanija
Andrea Facchetti - Direttur tal-Kumpanija
Charles Scicluna - Supervisor
Harry Zammit
Miss D. Zammit

7. Xhieda fil-qosor - Gino Balzia l-appellant qal li hu kien impjegat mal-Kumpanija u wara xi sena u nofs kien telaq minn rajh izda wara xi hames xhur kien irranga u rega' dahal fejn kien jahdem fis-sezzjoni tal-finishing. Ix-xoghol kien jaghmlu sewwa. Gurnata wahda meta kien spicca mix-xoghol kien mar is-Sur Joe Facchetti, u tah karta, ma kienx jaf x'fiha u qraha barra u sab li kienet il-"warning" li kopja tieghu kienet esebita - kienu tlieta li kienu rcevew il-"warning". L-ghada marru u kellmu lis-"Supervisor"Charles Scicluna li wegibhom li hu ma kienx jaf bih. Wara marru kellmu lis-Sur Joe Facchetti li kien tahom il-karta tal-warning u dan qallhom li hu kien kiteb li qallu missieru u missieru kien ilu ma jersaq il-fabbrika aktar minn gimgha. Hu l-warning ma ffermahx ghax ma kellux htija u ghalhekk kien mar il-Labour Office biex jirraporta l-kaz u billi ma ffermax il-warning, kien gie sospiz tlett ijiem u meta kien iltaqa' ma l-ufficcjal tal-Labour Office dan qallu "isma minni, sib job iehor ghaliex l-inghallem qabad mieghek u ma jridekx hawn gew" - u dan il-kliem qalulu quddiem Elizabeth Micallef. Zied jghid li l-ambjent fil-fabbrika "ma tantx kien tajjeb ghaliex gieli anki qattus fuq ir-raft sibna mejjet" u l-Management kien ikellimhom hazin, ma kellhomx kuntratt tax-xoghol bil-miktub izda l-kundizzjonijiet tax-xoghol deher li kien jafhom, izda qal li ma kienux jaghtuhom "pay slips", qal ukoll li 'warning' bil-miktub qatt ma kellu izda verbali gieli tawh. Il-"warning" bil-miktub ma ffermahx ghax meta tela' jkellem il-Board tad-Diretturi,

huma kienu erba' u hu kien waħdu u xtaq li jkun hemm tal-Labour Office izda l-Board ma riedx u l-anqas ma kellu tort,u meta qalulu li jekk ma jiffermahx ikollu tlett ijiem sospis,accetta li jigi sospiz u mar il-Labour Office. Wara t-tlett ijiem sospiz hu mar ghax-xoghol ma accettawhx u kienu qalulu wkoll li min jidhol fil-Union ikeccuh "ghaliex il-Union ipprojbita u min jipprova jidhol fil-Union jew idahhal il-shabu ahna nkeccuh" u kien hemm wiehed li tkecca ghal din ir-raguni.

8. Miss Elizabeth Micallef. Qalet li semghet lill-Ufficjal tal-Labour Office jghid lill-appellant "ahjar tfittex job iehor" u semghet ukoll lil Andrea Facchetti jghid lill-appellant meta kienu ser jidhlu mis-sospensjoni "inti mhux ghal hawn". Cahdet li l-appellant kien ghamel xi pressjoni fuqha biex ma tiffermax il-warning izda hi ma ffermatux ghax ma kellix htieja. Ziedet tghid li darba kienet ma' ohrajn fejn l-ufficcju u semghet lis-Sur Franco Facchetti jghidilhom "Hawnhekk Turu Micallef jidhol inma bhala habib mhux bhala dirigent tal-Union." Mistoqsija jekk kienetx taf li kien hemm xi hadd li kien tkecca ghax ipprova jdahhal in-nies fil-Union, ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Fuq kontro-ezami ix-xhud qalet li tat in-notice biex thalli mill-post dak in-nhar li harget bis-sospensjoni u ghal perijodu tan-"notice" giet ukoll imhallsa minkejja li ma hadmitiex.

9. Carmen Balzia - omm l-appellant qalet li meta t-tifel kien spicca mix-xoghol mal-Kumpanija hi cemplet halli tara x'kienet ir-raguni tat-tkeccija u kelmet lil Franco Facchetti u dan kien wegibha "it-tifel tieghek ipprova jdahhalhom fil-General Workers' Union u minn hawn dik projbita" u zied jghidilha "hu jaf li minn hawn hija projbita u min johrog minn hawn ma jidholx."

/6. .....

10. David Jones - Ufficjal tal-Labour Office qal li hu kien mibghut mill-Labour Office ghaliex kien hemm sospensjoni ta' tlett ijiem lill-appellant biex jinforma lill-Management li tas-sospensjoni jkollu jhallsu lill-appellant u dan sab li fil-fatt kien thallas. Meta kien hemm, kellem lill-Management fuq affarijiet ohra ta' rutina izda fuq l-appellant dan kien kollox. Meta kien hemm, hadd mill-haddiema ma qallu li biex jiehdu l-pay slip kien ikollhom ihallsu 10c (ghaxar centezmi) jew sigaretti u ma gibdulu l-attenzjoni ghall-ebda haga u meta kellem lis-Sur Facchetti fuq il-kaz ta' l-appellant dan kien qallu li kemm il-darba tah warnings fuq kazi ta' dixxiplina - ix-xhud kien idur il-fabbriki biex jara li kollox miexi skond il-ligi tal-Labour u mid-diskursata li kellu mal-Management hu kien hass li s-Sur Balzia (l-appellant) illum jew ghada ser jitkecca mhabba l-attitudni tieghu. Mistoqsi mis-Sur Debono jekk il-Management riedx jaccetta konfront bejn il-Labour Office, il-Management u l-appellant, ix-xhud wiegeb li l-appellant kellu jmur mieghu halli jsorru flimkien izda l-appellant ma marx u ghalhekk mar wahdu ghax l-appellant ma marx biex il-konfront isir flimkien.

11. Benny Zammit - qal li hu kien jahdem mal-Kumpanija minn Ottubru 1975 sat-3 ta' Gunju 1981. Qal li gie li s-Sur Joe Facchetti gie li kien qalilhom li biex izidhom iridu jivvutaw lill-partit nazzjonalista, zied jghid li l-Management qatt ma qalilhom biex ma jidhlux fil-Union u li s-Sur Franco Facchetti ftit kien jidher fil-fabbrika dak iz-zmien li tkecca l-appellant, gie li jinzel u jitla'.

12. Joseph Facchetti - Direttur tal-Kumpanija qal li t-tkeccija ta' l-appellant kienet dovuta ghal sensiela twila ta' twissijiet u mhux ghal incident wiehed u saret wara hafna twissijiet verbali ghall-istat ta' insubordinazzjoni tieghu u ma kellu xejn xi jghid kontra x-xoghol li kien jaghmel l-appellant ghax dan kien jaghmlu sewwa, izda

/7. .....

kien jisfrattalu certi haddiema ohra specjalment dawk tas-sezzjoni tal-'packing' fejn kienet tahdem l-gharusa tieghu ghax kien gej u sejjer l-hemm u b'hekk il-produttivita' kienet tonqos. It-twissija bil-miktub inghatat fuq incident ta' insubordinazzjoni bhal risposti, kliem hazin lejn il-management, lejn id-diretturi kollha - dik il-gurnata li tawh it-twissija bil-miktub kien irrisponda hazin kemm lix-xhud, lill-huh u lill-missieru u dan ma setghux jittolleraw li haddiem juri certa ostilita' li ma kienx hemm ebda raguni ghaliha u kien ghalhekk li kienu taw twissija serja bil-miktub. Ix-xhud ikkonferma li l-appellant ma tkecciex fuq dak l-incident biss u mhux ghax ma ffirmax it-twissija bhal ma hemm fic-certifikat tat-temm ta' l-impieg izda fuq insubordinazzjoni ghaliex meta dahal minn tlett ijiem sospensjoni rega' attakka verbalment lit-tlett Diretturi u kkonferma li dik in-nhar is-Sur Franco kien prezenti fil-fabbrika u ma kienx assenti "ghall-ahhar ma nafux kemm" u li kien hekk sejjer qabel it-tlett ijiem suspension ta' l-appellant u rega' wara. L-incident tal-warning kien is-sensiela ta' kliem hazin da parti ta' l-appellant meta saritlu rimarka ghax ingalghu minn fuq ix-xoghol tieghu u mar x'imkien iehor u zied jghid li kieku dan gara xi darba, darbtejn, wiehed kien jghalaq ghajnejh izda din kienet haga kontinwa u x-xoghol tieghu ma kellux x'jaqsam xejn ma tal-"packing" u eskluda kategorikament li kienu jibghatuh hdejn tal-packing il-Management, izda seta' jkun li xi darba sar hekk. L-incident ta' l-ahhar kien li meta wara tlett ijiem sospensjoni l-appellant dahal lura ippancja u mar l-ufficcju, kellem lis-Sur Franco Facchetti u l-appellant ried jiehu ragun. Fil-fatt hadd ma baghat ghall-appellant fl-ufficcju u gara li gara ghax kienet ilha gejja, ghax ix-xhud kien ta hafna twissijiet verbali qabel u matul is-sena qabel it-tkeccija dawn it-twissijiet kienu xi ghoxrin generalment fuq insubordinazzjoni u spiss ghax l-appellant kien ihalli x-xoghol tieghu biex imur in-naha tal-

"finishing" u tal-"packing" u kien itellef il-haddiema l-ohra - parti mix-xoghol tieghu kien fil-"finishing" imma ma kienx jaghtih twissija meta dan kien imur fuq xoghol.

13. Charles Scicluna - Supervisor mal-Kumpanija qal li kien ser jaghlaq seba' snin impjegat mal-Kumpanija tlieta jew erba' snin minnhom bhala supervisor u meta ma jkunx hemm is-Sur Joe Facchetti jaghmilha minn floku u ghalhekk kien ikellu x'jaqsam ma l-appellant. Fil-gudizzju tieghu fuq xoghol ma kellu xejn xi gerger izda fuq xi affarijiet ohra "bned in ahna ... nizbaljaw kultant" zied jghid li l-appellànt kien imur spiss fuq in-naha tat-taljaturi jew in-naha tal-istitching u dan kien jaghmlu ghall-affarijiet tieghu personali.

14. Harry Zammit - qal li kien jahdem mal-Kumpanija u kien ilu names snin ghalhekk kien jaf lill-appellant li mieghu kien imur tajjeb. Ix-xhud qal li qatt hadd ma kien qallu biex ma jidholx f'xi Union u li xi hadd mill-Management gieli kellmuh hazin meta tellaghhomlhom jew jaghmel xi hsara f'xi magna jew ix-xoghol hazin izda din ma kienetx haga komuni u qatt ma ghajjtu mall-haddiema ghal xejn b' xejn u l-haddiema kellhom attitudni tajba lejn is-Sur Andrea Facchetti u s-Sur Andrea kien l-istess mal-haddiema u l-istess is-Sur Joe Facchetti.

15. Miss Denza Zammit qalet li ila tahdem mal-Kumpanija xi sena u li l-Management qatt ma cahdilha li tidhol f'xi Union jew ghamlula xi enfasi favur xi partit politiku.

16. Andrea Facchetti Direttur tal-Kumpanija ghall-ahhar hames snin qal li hu jiehu hsieb il-fabbrika ghalkemm id-Diretturi qeghdin ghal kollox u t-tlieta kemm huma ghandhom kontroll anke fuq l-impjegati u jinfurmaw lil xulxin b'dak li jkun sar minn kull wiehed minnhom u kazi ta' dixxiplina serja d-decizjoni finali tittiehed mit-tlieta anki f'kazi ta' twissija bil-miktub, u anki t-tlieta jehorgu jaghmlu supervizjoni meta jridu fil-fabbrika. Lill-appellant kien jafu bhala bniedem tajjeb izda kellu difett fil-komportament tieghu maghhom, tant li darba hu kien issospendieh ghal gimgha izda wara din giet mahfura. L-okkazjoni kienet fuq li kien idoqq il-cassette b'lehen gholi hafna u kien ghalhekk ifixkel ix-xoghol. Kien tah hafna twissijiet u kien talbu biex izommu baxx u barra minn hekk kien jitlef hafna zmien jarma u jaqla'. Dik id-darba kien avzah serjament "u gie bil-klien hazin" u ma ppretendiex li lid-Direttur kellu jkellmu hekk - dan l-incident kien sar xi xhur qabel spicca; kien jghidlu wkoll fuq li kien ipacpac kontinwament u kien jaqbad igorr u juza kliem hazin. Dan kien jigri meta kien iqabbdu biex jaghmel xi bicca xoghol urgenti, meta kienu taw suspensjoni ta' tlett ijiem lill-appellant , lil tlett impjegati, wahda kienet tat in-notice u telqet u tnejn gew wara s-sospensjoni ippancjaw, u telghu l-ufficcju, wiehed accetta jiffirmah u dahal u l-appellant kien gie b'hafna kliem u hemm kien hemm it-tlett diretturi. Kien hemm konfuzjoni u wara gie mkecci mhabba l-atteggjament tieghu mal-Management. In kontro-ezami x-xhud qal li l-"warning" kien hadu l-appellant ukoll fuq il-komportament tieghu, ikkonferma li kien ikollhom konsultazzjonijiet bejn it-tlett diretturi u hekk gara kemm fuq il-warning u kemm fuq it-tkeccija, u li missieru kien hemm dik in-nhar ta' l-14 ta' Lulju izda x-xhud ma ftakarx jekk dak in-nhar l-appellant kellux xi jghid ma' missieru izda hu kien gie nfurmat bl-incident ingas ftakar jekk Norbert Ellul kienx kellmu l-ghada ta' l-14 ta' Lulju izda ma kienx jidhirlu li xi hadd mit-tlieta kienu kellmuh. Ftakar li missieru

/10. .....

kien jinzel fil-fabbrika sagajh infaxxata, ma ftakarx id-dati precizi li kien mar l-isptar ghal xi disat ijiem u dam xi erbat ijiem konvalexxenti. Fuq l-incident tal-"cassette" ix-xhud qal li kienu taw permess lill-appellant biex igib "casette" u li dan riedu li jkun baxx izda waqt il-hin tal-"break" gieli anki huma kienu jitolbuh biex jghollulu ftit specjalment ghal xi kanzunetti izda hu kien jghid lill-appellant li waqt il-hin tax-xoghol izommu baxx u hekk ghamel dik in-nhar ta' l-incident u l-appellant qallu "nehhok biex taqbad mieghi ghaliex inti ma tahmilniex" u hafna minn dan. Ix-xhud irrabja u sab lid-Diretturi u wara mar u tah gingha suspensjoni izda din kienet giet mahfura ghaliex kien hemm xoghol lura u wara li regghu kkonsultaw bejniethom qablu li jerghu jdahhluh. Ix-xhud qal li hu kien wissa lill-appellant billi ghalla lehnu izda weza klien pulit, zied jghid li ma jafx zgur izda kien minghalih li l-appellant kien nehhieh il-cassette u wara gie r-"rediffusion" u kienu jzommuh baxx. Fuq il-fatt li l-appellant kien imur spiss hdejn fejn kien il-"packing" ix-xhud qal li fuq xoghol kien rari li kien jibghatu hu l-hemmhekk izda kien hemm il-"bunsen burner" li ta' bilfors kellu imur dik in-naha izda dan il-"bunsen burner" nehhewh minn hemm ghax kien qed isir hafna klien l-hemmhekk izda meta kien hemm il-"burner" ta' bilfors kellu xi drabi jmur lejn il-"packing" l-appellant u dan il-burner dam hdejn il-packing xi sitt xhur, barra dan, l-appellant kien jghaddi minn hemm biex imur l-istores u okkazzjonalment gieli kien ikollu jmur fuq xoghol jiddependi kif kien ikun ix-xoghol ghax meta ma kienx ikollu x'jaghmel, kien jahdem jew fil-"finishing" jew fil-"packing" u biex imur l-istores kien hemm spazju minn fejn jghaddi bniedem minkejja li l-passagg kien bil-kaxxi. Ix-xhud qal ukoll li kien sema' minn ghand Norbert Ellul li l-appellant hajjarhom ma jiffermawx il-"warning" izda t-

tkeccija ma gietx kawzata minn dan il-fattur biss ghax wara li l-appellant dahal mis-sospensjoni l-agir tieghu bil-kliem hazin u affarijiet ohra meta tela' l-ufficcju wara li ppancja filghodu, lill-appellant ma kienjghajjatlu hadd. kien mar hu l-ufficcju u beda hafna kliem li precizament ma ftakarx u sar il-clash li fuqu wara gie mkecci.

17. Franco Facchetti Chairman tad-Diretturi tal-Kumpanija qal li d-diretturi kollha jezercitaw supervisjoni u kienu jgharrfu lill-haddiema bil-kapacitajiet u d-difetti taghhom. L-appellant teknikament kien kapaci izda kellu d-difett ta' l-arroganza u indisponibbilta fil-karattru tieghu. Malli wiehed jaghmillu osservazzjoni kien ikun hemm rejazzjoni u kienu jippruvaw li jirrangawh bil-korrezzjoni ghax kienu jittrattaw lill-lavranti qishom familja u kien ghalhekk li hu kien jipprova jaddotta kull sistema ghal korrezzjoni, kultant tant bit-tajjeb, jew ftit iebsa jew aktar iebsa u ghalhekk waslu kif waslu fil-kaz ta' l-appellant. Fil-fatt ix-xhud qal li l-ateggjament tieghu versu l-appellant kien familjari u gieli hadu xi flixkun birra flimkien. Dik in-nhar meta ttiehdet id-decizjoni li l-appellant jigi mkecci hu kien hemm kif ukoll iz-zewg diretturi l-ohra u kienu it-tlieta li hadu d-decizjoni ghax fejn kien ikun hemm xi haga li tista' titranga, kien jipprova jirranga Joseph, "jekk ikun hemm kontinwazzjoni ta' disubbidjenza u komportament li mhux kif ghandu jkun, naghmlu meeting u hemmhekk tittiehed d-decizjoni. In kontro-ezami ix-xhud rega' kkonferma li r-raguni tat-tkeccija kienet fuq l-indisponibbilta' tal-karattru tal-appellant u ta' ezempju li meta kienu jiehdu decizjoni li x-xoghol li jkun fl-idejn jieqaf biex isir xoghol izjed urgenti, kien ikun hu li jsabbatt, idur in-naha l-ohra, jitkellem hazin, u jidghi bl-ghama u ta' dan ix-xhud qal li min

jaf kemm il-darba widdbu u qallu li d-dagha sahta jgib izda xorta wahda kien jidghi. Qal ukoll li verbalment kemm-il darba kien tah "warning" u kuljum l-appellant kien kellmu hazin. Fuq certi ncidenti x-xhud wara dan iz-zmien kollu ma setghax jiftakar il-hin preciz. Zied jghid li hu kien imur il-fabbrika kuljum u li kien hemm zmien li kien jinzel fuq pultruna ghaliex it-tabib riedu jzomm saqajh il-fuq izda anki hekk ma jiflahx kien imur il-fabbrika u sa fejn jista' jiftakar l-operazzjoni l-Blue Sisters kien ghamilha f'Awissu is-sena li ghaddiet jew fl-ahhar ta' Lulju, ghamel xi tmint ijiem id-dar u wara bdew inizzluh bil-karrozza u jimxi bil-bastun u qabel l-operazzjoni kien jinzel il-fabbrika allavolja ma kienx jiflah u fuq it-tkeccija ta' l-appellant reqa' tenna li kien "l-accumulare di cose li gieghluna niehdu dik id-decizjoni drastika u immedjata" u li l-appellant kien jinsulta lilu u lid-Diretturi l-ohra bi klien oxxen, jinsulta lir-razza u l-familja u jidghi b'Alla u l-Madonna u li minkejja twissijiet ma riedx jisma' ghax il-karattru tieghu u l-komportament tieghu kien hekk. Ix-xhud cahad li l-Union issemmiet.

18. <u>Silvio Palmier</u> - qal li hu kien ilu jahdem xi hames snin mal-kumpanija izda telaq ghax il-Kumpanija falliet fl-1 ta' Gunju li ghadda. Zied jghid li darba kienu fil-karrozza hu, l-appellant u iehor li kien jahdem maghhom li ma ftakarx ismu izda fil-kontro-ezami qal li kien jismu Mario li wara kien "iggakbinahom" "ghax kien bicca wahda maghhom". Huma tkellmu fuq il-Union u wara l-imghallem kien baghat ghalihom halli jkun jaf x'kienu qalu - dan kien gara xi sentejn ilu. Zied jghid li Joe Facchetti hux jiccajta jew bis-serjeta' gieli talbu 10 centezmi biex jaghtih il-pay slip izda hu qatt ma hadha il-pay slip izda mistoqsi mit-Tribunal wiegeb "mhux qatt qatt ... pero' mhux kull nhar ta' Gimgha suq!"

/13. .....

imma qatt ma hallas la centezmi u inqas sigaretti. Qal li Joe Facchetti gieli kellmu hazin u darba waddablu zarbuna fuq kwistjoni fuq xi "forma". Qal li biex tmur fl-istore passagg minnhom kien imblukkat u wiehed kellu bil-fors jghaddi minn fejn il-"packing" ftakar li kien hemm xi zmien meta Franco Facchetti kien fuq 'armchair' u siequ fuq il-banketti u li kien qal li ser jaghmel operazzjoni mhabba l-vini f'saqajh. Fuq kontro-ezami qal li hu ma kienx jaf li seta' jidhol fil-Union minghajr permess ta' hadd u dak il-wiehed li kien jismu Mario li kien mar jiggakbinahom kienu keccewh, u li kien xi tlett darbiet biss li Joe Facchetti kien talbu ghaxar centezmi jew sigaretti f'hames snin, u li l-appellant kien hemm meta Franco Facchetti kien qal li mar jaghmel operazzjoni.

19. <u>Norbert Ellul</u> - qal li kien telaq minn mal-Kumpanija minn jeddu fl-ahhar ta' Gunju ghax sab xoghol iehor u li kien ilu hemm sentejn u tmien xhur, qal li gieli kien hemm kazi meta hatfuh fuq xi haga zghira u hu kien ikun urtat. Kien wiehed minn tlieta li gew inwissija bil-miktub ghax kien "insubordinattiv, ma kontx qed naghmel il-production u x-xoghol ma kienx qed johrog tajjeb" u li hu ma accettahx ghaliex ma kienx qed jisterna li kien jisthoqqlu "imma xi kultant kont nogghod niccajta ftit u hekk u ma nahsibx li dak kont insubordinattiv" u dak iz-zmien il-production kien itellahha ghaliex gieli kien hemm zminijiet li ma kienx itellaghha. L-ghada filghodu konna t-tlieta flimkien u kellimna s-Sur Andrea Facchetti li qal li ma kienx jaf bil-warning u mara kellmu lis-Supervisor li qal ukoll li ma kienx jaf bih, u meta kellmu lis-Sur Joe Facchetti qallhom li la jigi s-Sur Franco nitkellmu" u fil-fatt meta gie ghal xi l-ghaxra ta' filghodu, sejhulna wiehed wiehed fl-ufficcju u hu accetta l-"warning" u iffirmah ghax fuq il-kwalita' tax-xoghol deherlu li kellu xi ftit tort u ma riedx jaqla' nkwiet u halli jerga' jmur ghax-xoghol. Hu kien jahdem xi hmistax il-pied boghod mill-appellant u

kien f'posizzjoni li seta' jarah izda mhux dejjem u ma rahx dik in-nhar jitkellem la ma Joe Facchetti u inqas ma Andrea Facchetti, hu kien ra lis-Sur Franco Facchetti meta sejhulhom l-ufficcju l-ghada. Qal ukoll li dak iz-zmien kien jara lis-Sur Franco fuq pultruna b'saqajh infaxxata izda la kien jaf jekk kien sejjer imur l-isptar ghall-operazzjoni jew li kien ga mar. Qal li l-andament kemm tas-Sur Andrea kemm tas-Sur Franco mal-haddiema kien tajjeb. Is-Sur Joe kien ftit aktar iebes u xi kliem hazin jew xi nsult kellu izda hu spiss kien jiehdu bic-cajt. Fuq l-appellant, qal li ta' spiss kien imur jghin lil tal-"finishing" u fl-opinjoni tieghu kien jaghmlu fuq ordni ta' l-inghallem, lix-xhud kien ghallmu x-xoghol fuq il-magna. Gieli jkollhom imorru l-istore u l-appellant kien ikollu juza passagg wiehed ghax l-iehor kien maghluq bil-kaxxi. Zied jghid li hdejn fejn kien jahdem hu magenb Miss Micallef kien hemm "bunsen burner" li l-appellant kien juza"ghan-nisa."Ma sema' qatt lill-appellant ixewwex il-haddiema izda kien ta' karattru aggressiv u kien kontra l-opposizzjoni, kien pero' iheggigna biex nidhlu fil-Union. Fuq il-"warning" qal li hu ma kienx ser jiffirmah imma meta spjegahulu is-Sur Joe Facchetti hu ffirmah.

20. <u>Sottomissjonijiet Finali</u> . <u>Is-Sur Lino Debono</u> ghall-appellant sostna li t-tkeccija ta' l-appellant kienet infondata mill-fatti u provi, premeditata, illegali u ngusta, ghax waqt li l-appellant kien "kapacissmu fuq ix-xoghol kien ukoll fuq tieghu, b'certu sens ta' dinjita' u kuragg, li ma ħalli lil hadd jirfsu, imaqdru, jinsultah jew jaghmlu tapit ta' l-art." Ir-raguni ewlenija li l-appellant kien gie mkecci kienet li kien hu li beda jistinka biex idahhal lill-shabu fil-General workers' Union. Sostna li x-xhieda tad- Diretturi kienet inkonsistenti f'hafna dettalji li gew kwotati, sostna Franco Facchetti inqas kien fil-fabbrika dak iz-zmien ghaliex kien marid,

li l-minuti tal-meeting fejn giet diskussa t-tkeccija ta' l-appellant kienu datati Gunju waqt li l-appellant tkecca f'Lulju, li l-ufficcjal tal-Labour Office kien tant jaf li kien hemm il-hsieb li jkeccu lill-appellant li dan l-ufficcjal qallu "Jaqbillek issib post iehor ghaliex illum jew ghada ser tispicca" u dan kien l-izjed xhud indipendenti. Sostna li :

1. li tkeccija kienet premeditata;
2. li l-Management kien diga' kkommetta ruhu minn qabel skond kif jixhdu l-minuti,li pprezentaw il-Management stess;
3. Li mhux veru gara l-incident tal-14 ta' Lulju 1980;
4. Li Franco Facchetti ma kienx hemm f'dik il-gurnata kif jidher mic-certifikat tat-tabib, tal-Labour Office u x-xhieda;
5. Li l-appellant kien joqmos u jirrispondi meta kien jigi mirfus u mnebbex mill-Management;
6. Li r-raguni vera tat-tkeccija ta' l-appellant kienet ghax l-appellant kien il-bniedem li seta' jdahhal lill-shabu fil-General Workers' Union.

Ghaldaqstant talab it-Tribunal li jiddikjara li t-tkeccija ta' l-appellant kienet ingusta u ghalhekk kellu jigi rifus id-danni kollha li sofra.

21. <u>Ghall-Kumpanija</u>. <u>Is-Sur Albert Fabone</u> ssottometta li l-asserzjonijiet li ghamel l-appellant fl-istatement of case kien jinhtiegilhom li jigu ppruvati minn xhieda ndipendenti ghax l-appellant tkecca fuq affarijiet ben diversi li kien id-diportament hazin tieghu. Il-Management ma tiggudikahx

ghax wiehed mid-diretturi darba tefa' forma ta' zarbun lill-haddiem li ma setax isib xi haga li proprju kienu quddiemu ghax management ma tiggudikahx b'att wiehed, kif ukoll li wiehed mid-diretturi talab xi flus jew pakkett sigaretti minn ghand wiehed li kien ilu maghhom hames snin. Id-dokument bid-data tat-2 ta' Gunju, iffirmat mill-haddiema tal-Kumpanija jichduh kategorikament. Dwar l-allegazzjoni ta' abbuz ta' poter dan l-isbah risposta tinsab fit-twegiba ta' Zammit fejn qal li l-Management gieli kellimhom hazin "meta nkun tellajthomlu hafna meta naghmel xi hsara f'xi magna jew xi xoghol gieli zolqitlu xi wahda." Dawn l-affarijiet ingibu biex jghattu lill-appellant, kif ukoll il-fatt li "kien idahhlilhom il-pulitika kontinwament" li ma gietx sostanzjata minn hadd - kien proprju l-appellant li kien jaghmlu dan kif hareg mix-xhieda ta' Norbert Ellul li kien ix-xhud mtella' mill-appellant.Li l-Management kien jhedded lill-haddiema li jkeccihom fuq diskors privat ma gietx sostanzjata anzi kien tkecca dak li mar "iggakbinahom". Izda haga ta' l-iskantament kif l-allegazzjoni li l-appellant kien tkecca ghaxipprova jdahhal lill-haddiema fil-General Workers' Union. Din sostna s-Sur Fabone ma gietx sostanzjata bis-serjeta'. Fix-xhieda taghha Miss Elizabeth Micallef, l-gharusa ta' l-appellant waslet biss biex qalet li Franco Facchetti kien qal li "hawnhekk Turu Micallef jidhol imma bhala habib mhux bhala dirigent tal-Union". Izda meta s-Sur Lino Debono staqsiha jekk kienetx taf b'xi okkazzjoni ohra fejn xi hadd ipprova jdahhal lill-haddiema fil-Union u gie mkecci, hi wiegbet fin-negattiv. Benny Zammit, xhud ta' l-appellant, qal "qatt ma tellghana fuq u qalilna dawn l-affarijiet biex ma nidhlux fil-Union" u li kienet haga ma titwemminx li xi hadd fl-1980 seta' jimmagina li xi haddiem ma kienx jaf li kien liberu li jidhol f'xi Union jew li l-Management ser ikecci xi haddiem ghax

jipprova jhajjar lill-haddiema biex jidhlu f'xi Union. F'dan il-kaz partikolari jidher car mix-xhieda li zgur ma kienetx dik ir-raguni tat-tkeccija. Ir-raguni tat-tkeccija kienet katina ta' avvenimenti li l-"warning" u dak li gara wara kienu biss l-ahhar zewg holqiet ir-raguni vera hi "constant insubordination", kif jidher mix-xhieda ta' Andrea Facchetti, fil-kaz tal-cassette; mix-xhieda ta' Franco Facchetti meta ddeskriva r-rejazzjoni ta' l-appellant. Dwar il-karattru ta' l-appellant, Norbert Ellul, xhud ta' l-istess appellant, qal "Ghaliex il-karattru tieghu aggressiv" u David Jones li kien ifforma l-opinjoni tieghu li l-attitudni ta' l-appellant kienet sejra twassal ghat-tkeccija u tah il-parir isib post iehor. Kien jidher car li l-karattru tieghu kien argumentattiv kif jidher car mix-xhieda. Fuq kollox l-appellant ma pprova b'ebda mod li t-tkeccija tieghu kienet ingusta u ghalhekk talab li l-appell tieghu jigi michud.

22, <u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u> - It-Tribunal jiehu in konsiderazzjoni dak li jisma fuq il-meritu tal-kaz u fuq dak li jirrizulta mill-provi u jkollu jittraskura dak kollu li ma ghandux x'jaqsam mal-kaz. Ikollu wkoll jizen ix-xhieda sewwa f'kaz li jkun sema' zewg versjonijiet differenti. Ma jidher mill-ebda xhieda li t-tkeccija ta' l-appellant kienet primeditata u ingas mill-minuti li jidher car li fejn kien hemm 'June' riedet tigi 'July'. Dan jidher ghax Miss Micallef telqet mill-post f'Lulju u Norbert Ellul iffirma l-"warning" li tawh fl-14 ta' Lulju 1980 ma setax jiffirmah f'Gunju u kienet il-parti l-ohra li gibdu l-attenzjoni tat-Tribunal ghal dan l-izball. Ingas ma jista' jemmen it-Tribunal li fl-14 ta' Lulju, 1980 ma gara xejn. Possibbli li dak il-"warning" kien kollu hrafa? It-Tribunal ma kellu ebda xhieda ta' dan u ghalhekk ma jistax jaccetta din it-tezi. Sar hafna

enfasi miz-zewg nahat fuq il-fatt jekk Franco Facchetti kien jew ma kienx il-fabbrika. L-appellant jinsisti li ma kienx u t-tlett diretturi inkluz Franco Facchetti jghid li kien. Benny Lammit fix-xhieda tieghu, mistoqsi mis-Sur Lino Debono "Meta s-Sur Balzia kien ha warning, ir-written warning", is-Sur Franco Facchetti f'dawk iz-zminijiet kien jidher fil-fabbrika?" it-twegiba kienet "aktar ma kienx jidher milli jidher" ghal mistoqsija ohra simili wiegeb "ftit" u ghal ohra mmedjata wiegeb "gieli jinzel u jitla'". Silvio Falzon qal li jiftakar lil Franco Facchetti b'saqajh infaxxata u bil-qeghda fuq "armchair" u mistoqsi mis-Sur Lino Debono "Dak iz-zmien li kellu l-kwistjoni Mr Balzia kien hemm xi ghajdut fil-fabbrika li s-Sur Franco Facchetti mar jaghmel xi operazzjoni?" Ix-xhud wiegeb "Mu hekk kien qalilna li mar jaghmel operazzjoni il-Blue Sisters minhabba l-vini f'saqajh." Issa jew kien mar jew kien ghadu sejjer ghax kieku kien iwiegeb "li kien il-Blue Sisters." Norbert Ellul qal ukoll li fil-15 tax-xahar (pagina 25 tax-xhieda) li s-Sur Franco Facchetti kien hemmhekk u gie f'xi 10.00 ta' filghodu u izjed tard qal "kienu qalu li se jmur l-isptar biex jaghmel operazzjoni" u mistoqsi qal "ma niftakarx sewwa". It-Tribunal izjed ixaqleb lejn it-tezi li s-Sur Franco Facchetti kien ghadu hemm, wahda ghax it-tabib Leo Portelli, li hadd ma tellghu xhud, ghamel ic-certifikat fl-10 ta' Gunju 1980 ghal tlett gimghat, l-ohra, li l-hlas il-Blue Sisters u lit-tobba sar fit-22 ta' Settembru 1980, li hi ndikazzjoni li izjed taghti lil wiehed x'jifhem li l-operazzjoni saret izjed tard minn nofs Lulju.

23. Hemm ukoll li omm l-appellant li qalet li hi kelmet lis-Sur Franco Facchetti halli tkun taf l-ghala t-tifel tkecca. Anki Norbert Ellul qal li meta marru halli jitkellmu fuq il-"warning" Joe Facchetti qallhom, kemm lilu u kemm lill-appellant, "la jigi s-Sur Franco

nitkellmu" u wara qal li x'hin gie s-Sur Franco marru jkellmuh wiehed wiehed, u dan isahhah il-fehma tat-Tribunal li s-Sur Franco Facchetti kien hemm.

24. L-appellant sostna li r-raguni vera ghat-tkeccija kienet li hu kien bniedem ta' spirtu sod li seta' jdahhal lill-shabu fil-General Workers' Union. Fuq dan il-punt ghandna x-xhieda ta' Miss Elizabeth Micallef, l-gharusa ta' l-appellant, li qalet "konna qeghdin fuq fejn l-ufficcju u s-Sur Franco l-imghallem, qalilna "hawnhekk Turu Micallef jidhol bhala habib mhux bhala dirigent tal-Union," u ma ftakretx li xi hadd tkecca ghax ipprova jdahhal in-nies fil-Union. Mrs Carmen Balzia, omm l-appellant, qalet li kelmet is-Sur Franco Facchetti meta staqsietu l-ghala t-tifel tkecca, dan wegibha, "it-tifel tieghek ipprova jdahhalhom fil-General Workers' Union u minn hawn dik projbita." Minn naha l-ohra Benny Zammit qal "qatt ma tellghana fuq u qalilna dawn l-affarijiet biex ma nidhlux fil-Union". Harry Zammit mistoqsi "qatt xi darba gejt infurmat illi ma tistax tidhol fil-Union?" it-twegiba kienet "ma jidhirlix, le." Fuq kollox, barra mix-xhieda tat-tlett diretturi, hemm ukoll id-dikjarazzjoni tat-2 ta' Gunju 1981, iffirmata minn wiehed u ghoxrin impjegat li tghid "I have never been denied the possibility of joining a Union". Issa Miss Elizabeth Micallef meta semghet lis-Sur Franco jghid dawk il-kliem fuq Turu Micallef ma kienetx wehedha, izda hadd ma sahhah ix-xhieda taghha u ghalhekk il-kredibilita' f'dan ir-rigward hija dghajfa. Fuq kollox kulhadd kien liberu jidhol fil-Union.

25. It-Tribunal kellu xhieda tat-tlett Diretturi li l-appellant kienu tawh hafna u hafna "warnings" bil-kliem, li kien hemm l-incident tal-cassette, li l-karattru ta' l-appellant kien ftit u xejn "aggressiv" li kien jidghi u jitkellem hazin u li l-komportament tieghu mad-Diretturi

ma kienx tajjeb xejn.

26. It-tkeccija ta' l-appellant ma kienetx ghax ma ffirmax il-"warning" izda kienet l-effett kumulattiv ta' agir li ma kienx jixraq xejn lejn id-Diretturi, u fl-ahhar id-dahar tal-gemel inqasam dik in-nhar meta ried jiehu sodisfazzjon ghal warning li kellu bil-miktub. Dan il-warning ma kienx fuq incident wiehed izda fuq "constant element of insubordination towards your superiors" u mix-xhieda li nstemghet ma giex pruvat li dan ma kienx hekk. Fil-fatt hija vera hasra li mpjegat li teknikament ma hemmx dubbju li hu tajjeb jigi mitluf u zgur kieku l-agir tieghu mad-Diretturi kien ahjar, dawn kienu mhux ikeccuh izda jaraw kif jaghmlu biex izommuh.

27. Award. Fid-dawl ta' dawn il-konkluzjonijiet, u l-aspetti kollha tal-kaz, it-Tribunal ma jistax isib favur l-appellant u b'hekk itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

G.A. Craig
Chairman

A. Bartolo Parnis
Segretarju

28 ta' Settembru 1981.

em